# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 2**

**Citazzjoni numru 50/87 FS**

**Angiolina Bartolo**

**v.**

**Emmanuel Gauci, Carmelo Gauci, Robert Gauci u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 1987 giet korretta ghal Bartolomeo sive Robert Gauci u Dr Anthony Farrugia Sacco u l-P.L. George Scicluna li b'digriet tal-5 ta' Frar 1987 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Joseph Gauci u b'digriet tas-16 ta' Frar 2016, P.L. George Scicluna gie sostitwit bil-P.L. Davina Sullivan u b'digriet tal-20 ta' Mejju 2016 il-kuraturi deputati in rappresentenza tal-assenti Joseph Gauci gew estromessi mill-kawza u minflokhom gie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawza Bartholomeo sive Robert Gauci ghall-assenti Joseph Gauci**

**Il-Qorti:**

Rat li dan hu l-appell minn digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Lulju, 2015, li in forza tieghu dik il-Qorti cahdet talba tal-konvenuti ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet precedenti taghha tat-18 ta'

Gunju, 2015, li bih kien iffissat il-jum, hin u lok ghall-publikazzjoni ta' kuntratt ta' divizjoni a tenur ta' sentenza li l-istess Qorti kienet tat fl-14 ta' Frar, 2007.

Id-digriet appellat qieghed jigi hawn riprodott:

> "Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet Angiolina Bartolo vs Emanuele Gauci et (Citaz Nru 50/87CFS)
>
> "Rat in-Nota tal-attrici Angiolina Bartolo pprezentata fil-15 ta' Lulju, 2013 (a fol.455 tal-process) fejn iddikjarat li hija l-unika persuna li giet affetwata negattivament bid-differenza fil-kejliet u dan stante li fil-porzjonijiet l-ohra li telghu bix-xorti lill-kodividenti l-ohra l-kejl attwalment zdied, mentri fil-kaz taghha naqas, liema dikjarazzjoni ta' Angiolina Bartolo, fiz-zmien li kienet saret, bl-ebda mod ma giet ikkontestata jew kontradetta mill-kontendenti l-ohrajn.
>
> "Tqis li s-sentenza tal-14 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet fuq premessi hija llum wahda definittiva, irrevokabbli u saret *res judicata* u li ghalhekk bl-ebda mod ma tista' tigi mibdula jew varjata u wisq inqas injorata.
>
> "Tqis illi kif intqal fis-sentenza **Cassar Parnis vs Soler** deciza mill-Prim'Awla fil-11 ta' Marzu, 1949 (Kollez Vol. XXXIII.II.344) "fejn kwistjoni tkun giet definite u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellate jew ritrattata, tigi kkonfermata; jew jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien lit rid il-ligi ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka s-sentenza".
>
> "Tqis illi s-sottomissjonijiet tal-intimat Carmelo Gauci huma bazikament imsejsa fuq l-eccezzjonijiet tal-gudikat illi ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definite f'sentenza, li tbieghed il-possibbilta` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilita` ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat (ara sentenza fl-ismijiet **Charles Cortis vs Francis X.Aquilina et**[1]).
>
> "Tqis li r-rikors ta' Francesca Gauciet huwa intiz sabiex jimpunja ossija tigi mxejna sentenza definittiva tal-Qorti, meta l-istess rikorrenti kienu naqsu li jezercitaw jew sahansitra opponew ghall-ezercizzju ta' dawk ir-rimedji li tipprefiggi l-ligi sabiex tigi impunjata sentenza jew tigi korretta sentenza ai termini tal-Artikolu 825 tal-Kap.12.

[1] Deciza mill-PA(JRM) fil-25 ta' Settembru, 2003

> "Tqis illi l-Artikoli 258 u 259 tal-Kap. 12 li gew invokati mir-rikorrenti Francesca Gauci et mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern peress li l-imsemmija disposizzjonijiet japplikaw biss ghal cirkostanzi fejn ikun hemm debitur jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu u fejn ikun hemm dejn jew parti minnu li jkun ghadu dovut.
>
> "Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra din il-Qorti qieghda tichad it-talba kif dedotta fir-rikors ta' Francesca Gauci et ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet taghha tat-18 ta' Gunju, 2015."

Il-konvenuti appellaw minn dan id-digriet, bl-appellati jissollevaw, fl-ewwel lok, l-inammissibilita` tal-appell peress illi ma hux koncess li jsir appell minn digriet simili.

Trattat l-ewwel dan il-punt preliminari, din il-Qorti tara li ghandha taqbel mieghu. Il-kwistjoni giet dibattuta u deciza minn din il-Qorti fil-kawza **GO p.l.c. v. Zammit**, deciza fid-29 ta' Mejju, 2015. Fiha gie deciz li ma hemmx appell minn digriet li ma huwiex interlokutorju, f'liema kaz kien ikun koncess appell ai termini tal-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

> "*4. Il-Qorti tosserva illi llum, wara l-bdil li sehh bis-sahha tal-emendi li saru fl-1995 fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, id-dritt ta' appell minn dikrieti huwa regolat bl-art. 229 kif sostwit bl-art. 113 tal-Att XXIV tal-1995 u li bis-sahha tieghu giet superata l-gurisprudenza ta' qabel.*
>
> "*5. Id-distinzjoni li jaghmel l-art. 229 ma hijiex bejn dikrieti interlokutorji u dawk definittivi izda biss bejn (i) dikrieti li ma jistax isir appell minnhom jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva, (ii) dikrieti li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva, u (iii) dikrieti "residwali" illi jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva izda biss bil-"permess specjali" tal-qorti. Id-dikrieti li jissemmew fl-art. 229(1) u (2) huma kollha "interlokutorji" ghax ebda wiehed minnhom ma jaqta' l-kwistjoni li tifforma l-meritu tal-atti li fihom jinghataw dawk id-dikrieti, u post se exspectant sententiam, waqt illi l-art. 229(3) – li johloq il-kategorija "residwali" –*

> *jirregola "appell minn kull dikriet interlokutorju iehor". Il-konkluzjoni trid bilfors tkun illi l-art. 229 jaghti dritt ta' appell minn dikrieti interlokutorji biss. Certament, ma jaghtix dritt ta' appell minn dikriet bhal dak de quo" li la jissemma fl-art. 229(1) jew (2) u lanqas jaqa' fil-kategorija "residwali" tal-art 229(3) billi ma huwiex dikriet interlokutorju.*
>
> "*…*
>
> "*Il-konkluzjoni korretta fil-fehma tal-Qorti hija illi r-regola generali hija illi ma jinghatax appell minn dikrieti hlief fejn id-dritt ta' appell jinghata espressament taht l-art. 229, u illi l-art. 836(5) huwa applikazzjoni partikolari (ghalkemm superfluwa) tar-regola generali*".

Id-digriet in kwistjoni ma hux digriet interlokutorju, anke ghaliex inghata wara l-ghoti tas-sentenza definittiva, u ma nghatax fil-mori tal-kawza pendenti quddiem qorti.

Hu car, ghalhekk, li dan l-appell hu irritu u null.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Francesco Gauci et billi tiddikjara l-istess irritu u null u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu; l-ispejjez relattivi jithallsu mill-appellanti in solidum.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb